KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**7/14**

**Il-Erbatax (14) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba

2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 12 li saret 27 ta' Ottubru 2015
   Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa b'Urġenza Nru 13 li saret 10 ta' Novembru 2015

3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti

4. Approvazzjoni

   i. Skeda ta' pagamenti
   ii. Purchase Orders
   iii. Works Orders
   iv. Petty Cash

5. Ordnijiet tal-ġurnata
   a) Rapport tat-Tielet Kwart – Lulju-Settembru 2015
   b) Attivitajiet tal-Milied
   c) Bye Law – Użu ta Faċilita
   d) Rapport ta konsultazzjoni għat-talba tat-toroq tal-One Way
   e) Rakkomandazzjoni tat-Tenders – KLM/ T/ 1 /2015, KLM/ T/ 2/2015

6. Korrispondenza /Proposti

7. Kommunikazzjoni mis-Sindku

8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**Sospensjoni tar-regolamenti**

**5a) Rapport tat-Tielet Kwart – Lulju-Settembru 2015**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport tat-tielet kwart bejn Lulju u Settembru 2015.

Il-membri qablu unanimament mar-rapport ippreżentat.

**2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 12 li saret 27 ta' Ottubru 2015**

Il-minuti tat-tnax (12) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa b'Urġenza Nru 13 li saret 10 ta' Novembru 2015**

Il-minuti tat-tlettax (13) Laqgħa li saret b'Urġenza nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

**3.1 Minuta 5.1.3 - Proposta Nru 14- Qasam Soċjali – Jiġu ċċekkjati l-gandotti qabel ma ssir One Way Triq ir-Rebbiegħa u jiġu rinfriskati linji bojod u sofor**

Il-Kunsillier Mario Sammut irrimarka sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb li meta entitajiet oħra privati jagħmlu trinek fit-toroq bħal ma kien hemm fi Triq ir-Rebbiegħa isir reinstatement kif suppost .

Is-Sindku qabel ma dak li qal il-kunsillier Mario Sammut u rrimarka sabiex meta l-membri tal-Kunsill jaraw li jsir ix-xogħol jinfurmaw l-amministrazzjoni tal-Kunsill minnufih sabiex ikun iċċekkjat. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament .

**3.2 Minuta 3.1** Is-Sindku nforma lill-membri li l-handyman tal-Kunsill kien biddel il-katnazzi tal-entratura tat- Targa Battery u tad-ditch.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni sabiex isir il-Memorandum of Understanding mal-grupp tal-iscouts fuq Tat-Targa Battery . F'dan il-ħin il-Kunsillier Keith Cassar ġibed l-attenzjoni kif il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand Dipartiment tal-Artijiet fuq l-ittra li l-Kunsill kien bagħat. Il-Kunsillier Alex Muscat talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex il-Kunsill jibgħatlu kopja ta din l-ittra sabiex b'hekk ikun jista jindaga fiex wasal dan il-proċess.

**3.3 Minuta 5.7** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Raymond Zammit fuq pilot project għal użu tal-wardens.

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li ser jitlob laqgħa mas-Sur Raymond Zammit sabiex jiġi diskuss ir-rwol tal-wardens u l-green wardens fil-Mosta. Dan minħabba l-fatt lis-Sindku jixtieq li jkunu identifikati ċertu toroq fejn qed isir illegalita . Il-membri tal-Kunsill qablu b'mod unanimu.

**3.4 Minuta 2- Memorandum of Understanding Health Care Centre**

Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna l-evalwazzjoni mingħand l-avukat tal-Kunsill Dr Mario Mifsud . Il-Kunsillier Alex Muscat ġibed l-attenzjoni sabiex fuq il-memorandum of understanding jitniżżel li l-Healthcare tal-Clinic ser tgħin finanzjarjament lill-Kunsill sabiex titjib is-sistema tal-lifts fejn kien ġie deċiż li l-awtoritajiet tas-Saħħa ser jagħtu 27,000 Ewro lill-Kunsill Lokali. F'dan ir-rigward l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill qiegħed jaħdem fuq tender tal-lift pero din it-tender ma tistax tinħareġ minħabba l-fatt li minn naħa tal-gvern lokali l-iskema tal-proġetti kapitali hija miżmuma u l-ebda kuntratt ma ġie ffirmat. Għaldaqstant l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li qabel ma jiġi iffirmat l-ftehim hu mhux lest li jkompli jitfa piż finanzjarju fuq il-Kunsill.

**3.5 Minuta 5.1- Korrispondenza Nru 1 – 5th Edition of the Abseiling Marathon 21 u 22 Novembru 2015**

Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo talab lill-Kunsill sabiex tinkiteb ittra lill-~~Assistent~~ Kummissarju Rizzo sabiex ikollna linji gwida fuq attivitajiet pubbliċi f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mosta . Il-Kunsillier Keith Cassar ġibed l-attenzjoni sabiex fl-istess ittra ninfurmaw lill-assistent kummissarju dwar Safety Precaution li jistgħu jittieħdu għal fuq il-pont ta' Wied il-Għasel . Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4. Approvazzjoni**

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**5 Ordnijiet tal-ġurnata**

**a) Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Keith Cassar sabiex jagħti spjegazzjoni dwar l-attivita tal-Milied. Il-kunsillier Keith Cassar spjega fid-dettal x'sejjer isir. Kopji tal-programm tinstab annessa (Anness 1).

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li mill-iskema tal-fondi tal-attivitajiet ibbenefika 3000 Ewro mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali filwaqt l-Kunsill ser iżida b'1000 Ewro . Il-membri qablu unanimament jiġifieri l-ammont li jista jintefaq għal dawn l-attivitajiet huwa ta massimu ta' 4000 Ewro.

**b) Bye Law – Użu ta Faċilita**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega u nforma lill-membri sabiex jiskrutinjaw din il-byelaw ħalli tkun diskussa fil-laqgħa ta Jannar. Il-membri qablu unanimament.

**c) Rapport ta konsultazzjoni għat-talba tat-toroq tal-One Way**

Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sur Chris Camilleri ser jiġbor l-inforrmazzjoni tal-ilmenti kollha li rċevejna sabiex fil-laqgħa ta Jannar tiġi diskussa. Il-membri qablu unanimament.

**d) Rakkomandazzjoni tat-Tenders – KLM/ T/ 1 /2015, KLM/ T/ 2/2015**

**KLM T 1/2015 – Youth Worker**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li għal din it-tender kien hemm applikazzjoni waħda tas-Sinjura Anna Grech .

Wara l-bord ta' l-aġġudikazzjoni skrutinju din it-tender irriżulta li dokumenti kollha mitluba fl-ispeċifikazzjonijiet kienu kollha hemm apparti minhekk il-Kunsill għamel capping ta' 13 Ewros siegħa u s-Sinjura Anna Grech żammet mal-capping tat-tender. Għaldaqstant il-Bord tal-Aġġudikazzjoni qed jirrakomanda din it-tender lis-Sinjura Anna Grech.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament mal-bord tal-aġġudikazzjoni.

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**KLM T 2/2015 – Cleaning and Maintenance of Parks**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri għal din it-tender il-Kunsill irċieva 3 applikazzjonijiet li kienu ta'

- Saviour Mifsud
- WM Environmental Ltd
- Environmental Landscape Consortium Ltd

Kien hemm tliet offerti mitfugħa, dik tas-Sur Saviour Mifsud, tal-Kumpanija WM Environmental Ltd. u ELC Ltd. Il-Kumpanija WM Environmental Ltd kienet l-orħos waħda u ma taqbiżx il-baġit tal-offerta u għalhekk il-Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti qabel li din l-offerta tingħata lil Kumpanija **WM Environmental Ltd.**

F'dan ir-rigward ittieħed vot il-membri qablu unanimament minbarra il-Kunsill Keith Cassar li astjena.

**Korrispondenza u Proposti**

## 5.1 Korrispondenza Nru 1 – Attivita Christmas market – 5 u 6 Diċembru 2015 permess

Il-Kunsill qara korrispondenza li talbet il-Kummissjoni Nisa tas-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu fejn qegħdin jitolbu permess għal-attivita li ser ittelgħu nhar is-Sibt u l-Ħadd 5 u 6 ta' Diċembru 2015 fuq il-pavimentar ta ħdejn il-kanun ġewwa l-Pjazza tal-Mosta .

Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed in-No Objection.

## 5.2 Korrispondenza Nru 2 – Email – Karnival 2016 fil-Mosta

Il-kunsill qabel li din il-korrispondenza għandha tiġi diskussa aktar il-quddiem.

## 5.3 Korrispondenza Nru 3 – Email – Data Server

Il-kunsill qabel li għandna nitolbuħ kwotazzjoni kemm tiġi eżatt.

## 5.4 Korrispondenza Nru 4 –Ittra Talba għal Tiġdid tal-Leave – Lorraine

Il-Kunsill approva talba tas Sinjura Lorraine Zammit Tabone sabiex iġġedded il-leave tagħha ta 2015 għat-2016.

**5.5 Korrispondenza Nru 5 –Ittra Talba għal Tiġdid tal-Leave – Candice**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjura Candice Coppola sabiex iġġedded il-leave tagħha tas-sena 2015 għas-sena 2016 .

**5.6 Korrispondenza Nru 6 –Ittra Talba għal Tiġdid tal-Leave -Liliana**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjura Liliana Borg sabiex iġġedded il-leave tagħha tas-sena 2015 għas-sena 2016.

**5.7 Korrispondenza Nru 7 – Email – Memo 32/2015 – Espressjoni ta Interess għall-Impjegati ta persuni b'Dizabilita**

Il-Kunsill qara din il-Memo 32/2015 . Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo għandu jieħu ħsieb din il-memo peress li din taqa taħt il-kariga tiegħu peress li hu responsabbli mill-persuni b'Diżabilita. Il-membri qablu unanimament.

**5.8 Korrispondenza Nru 8 –Ittra Talba għal Tiġdid tal-Leave -Rita**

Il-Kunsill approva talba tas-Sinjura Rita Galea sabiex iġġedded il-leave sabiex iġġedded il-leave tagħha tas-sena 2015 għas-sena 2016

**Proposta Nru 1 – Proposta Nru 15 – Qasam Soċjali – Triq Enrico Mizzi tidħol 1.5 metru l-ġewwa**

Il-Kunsill approva din il-proposta. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha issir mill-fondi ta CPPS.

**6. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

6.1 Is-Sindku ressaq proposta lill-membri, li wara nċident tat-traffiku fejn persuna ħalliet ħajjitha wara li ntlaqtet minn karozza fuq zebra crossing, li l-Kunsill għandu jibda jara li zebra crossing fil-lokalita kemm jekk ikunu taħt ir-responsabbilita ta Transport malta kif ukoll dawk li jaqgħu taħt ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali m'għandhomx qatt jitħallew jitilfu kulur jew jiġu kważi ineżistenti . Għalhekk is-Sindku ippropona lill-Kunsill sabiex mill-lum il-quddiem il-kunsill jibda jagħti aktar attenzjoni lil kwalita ta zebra crossings u jirraporta minnufih lil Transport Malta dawk iż-żebra crossings li jaqgħu taħt Transport Malta filwaqt li jara li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali ikunu kontinwament viżibli.

Is-Sindku ppropona wkoll li fejn Transport Malta ma tagħmilx refreshing taż-żebgħa fejn ikun meħtieġ, il-Kunsill għandu jerfa responsabbilita u jagħmel ir-refreshing taż-żebgħa hu.

Il-Kunsillier Keith Cassar issekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

Il-Viċi Sindku Ivan Bartolo ippropona li ssir ħidma sabiex iż-żebra crossings fil-lokalita tal-Mosta ikunu aktar accessibbli għal persuni b'diżabilita. Is-Sindku issekonda din il-proposta u l-Kunsilliera qablu b'mod unanimu.

6.2 Is-Sindku informa lill -Kunsill li kien kiteb lill-AFS biex il-Kunsill jieħu f'idejh il-manutenzjoni u żamma ta dawn il-funtani bil-ħsieb li l-Kunsill ikunu jista iżomm aħjar dawn l-istess funtani. Il-Kunsill jixtieq ukoll li jitlob li dawn il-funtani jitneħħilhom kull apparat elettroniku sabiex il-Kunsill ikun jista jħaddimhom manwalment. Talab ukoll li jkun jista jixgħel u jitfi dawn il-funtani skont kif jippermetti temp jew filwaqt li jkun jista jbaxxi il-volum tal-ilma minn ġurnata għall-oħra.

6.3 Il-Kunsillier Angele Rapa infurmat lill-Kunsill li ser torganizza party għat-tfal.

6.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi il-Kunsill ser jorganizza serata b'tifkira tal-mibki Charles Vella gewwa sala tal-Kunsill nhar il-Hadd 29 ta Novembru fis-7.30 p.m.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi trid tinkiteb ittra lil Transport Malta sabiex issir zebra crossing ġdida u Belisha lights u bankina li turi li twassal minn ħdejn il-bus stop ta Vjal Ragusa sa Vjal il-Qalbiena Mostin.

*

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **il-Ħamis 10 ta' Diċembru** fis-**7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.15 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 7/01/2016

* 6.5 Is-sur Keith Cassar issugerixxa sabiex issir statistika fuq l-ilment li daħlu l-Kunsill kemm ilmenti saru u dawk pendenti.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**